# IL-KWESTJONARJU GĦALL-ĠENITURI GĦALL-PISA 2015

# (GĦAŻLA INTERNAZZJONALI)

# VERŻJONI BI PROVA

*CY6_QST_FT_PaQ_NoNotes*

*Core* 6
Marzu 2013

**Dwar xiex inhu dan il-kwestjonarju?**

L-istudent/a li ġab/ġabet dan il-kwestjonarju d-dar ġie magħżul/ġiet magħżula biex jieħu/tieħu sehem fil-Programm għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Istudent (PISA), studju ta' riċerka li jiffoka l-aktar fuq il-litteriżmu xjentifiku tal-istudenti li għandhom 15-il sena, imma li jinkludi wkoll valutazzjoni tal-matematika u l-qari. L-istudju huwa organizzat mill-Organizzazzjoni għall-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni Ekonomika (OECD) u jistħarreġ l-istudenti minn madwar 70 pajjiż differenti.

Fl-istudju tal-PISA, l-istudenti huma mitluba jwieġbu mistoqsijiet dwar il-litteriżmu xjentifiku, matematiku, tal-qari u ta' kif jissolvew il-problemi. Huma jkunu mitluba wkoll biex jipprovdu tagħrif dwar l-isfond, it-twemmin u l-opinjonijiet tagħhom dwar kwistjonijiet li ġeneralment jirrelataw max-xjenza, mal-iskola u mal-karrieri tagħhom. Bħala parti mill-istudju, aħna qegħdin wkoll nistaqsu 'l-ġenituri tal-istudenti numru ta' mistoqsijiet fuq suġġetti simili li jinkludu:

- Tagħrif dwar l-istudent u l-familja
- L-iskola ta' ibnek/bintek
- Il-mixja edukattiva ta' ibnek/bintek
- L-opinjoni tiegħek dwar ix-xjenza u l-ambjent
- Tagħrif dwar l-isfond

It-tagħrif li tipprovdi se jkun ta' valur kbir fil-bini ta' stampa ta' kif il-litteriżmu xjentifiku jiżviluppa fl-istudenti u x'jinfluwenza l-iżvilupp tiegħu.

**Meta nkun mistoqsi dwar ix-xjenza, dwar xiex għandi naħseb?**

Għall-fini ta' dan il-kwestjonarju, bi xjenza qegħdin nirreferu għall-ħiliet u l-għarfien miksubin f'suġġetti bħall-fiżika, il-kimika u l-bijoloġija.

**Min għandu jimla dan il-kwestjonarju?**

Dan il-kwestjonarju għandu jimtela minn ġenitur (jew b'mod konġunt miż-żewġ ġenituri) jew mill-persuna responsabbli mill-istudent/a. Sabiex nissimplifikaw il-kliem tal-mistoqsijiet, l-istudent/a li ġab/ġabet dan il-kwestjonarju d-dar spiss nirreferu għalih/a bħala 'ibnek/bintek'.

Qegħdin nitolbuk twieġeb dawk il-mistoqsijiet kollha li tħossok komdu/a twieġeb. M'hemm l-ebda tweġiba tajba jew ħażina u aħna se niżguraw li <u>t-tweġibiet tiegħek għal dan il-kwestjonarju se jinżammu b'mod kunfidenzjali.</u>

Aktar tagħrif dwar l-istudju tal-PISA jista' jinkiseb minn fuq is-sit elettroniku
http://www.pisa.oecd.org/

## TAQSIMA A: IL-FAMILJA TIEGĦEK

**PA001 Min se jimla dan il-kwestjonarju?**

*(Jekk jogħġbok immarka dawk kollha li japplikaw.)*

| | |
|---|---|
| L-omm jew il-persuna femminili responsabbli mill-istudent/a | ☐ |
| Il-missier jew il-persuna maskili responsabbli mill-istudent/a | ☐ |
| Persuna oħra | ☐ |

*Jekk jogħġbok wieġeb din il-mistoqsija b'referenza għall-istudent/a li ġab/ġabet dan il-kwestjonarju d-dar.*

**PA002 Ħares lura għal meta ibnek/bintek kellu/kellha madwar 10 snin, kemm-il darba ibnek/bintek għamel/għamlet dawn l-affarijiet?**

*(Jekk jogħġbok immarka kaxxa waħda biss f'kull ringiela.)*

| | *Spiss* | *Regolarment* | *Kultant* | *Qatt* |
|---|---|---|---|---|
| Ra/Rat programmi tat-TV dwar ix-xjenza. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| Qara/Qrat kotba dwar skoperti xjentifiċi. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| Ra/Rat, qara/qrat jew sema'/semgħet dwar il-fantaxjenza. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| Żar/Żaret websajts dwar suġġetti xjentifiċi. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| Attenda/Attendiet klabb xjentifiku. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| Lagħab/Lagħbet logħob ta' kostruzzjoni, eż: briks tal-lego. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| Żarma/Żarmat apparat tekniku. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| Sewwa/Sewwiet oġġetti miksura, eż: ġugarelli elettroniċi mkissrin. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| Esperimenta/Esperimentat b'kitt xjentifiku, kitt elettroniku, jew b'sett tal-kimika, uża/użat mikroskopju jew teleskopju. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| Lagħab/Lagħbet logħob tal-kompjuter b'kontenut xjentifiku. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |

## PA003 Kemm-il darba int jew xi ħaddieħor f'darek tagħmlu l-affarijiet li ġejjin ma' ibnek/bintek?

*(Jekk jogħġbok immarka kaxxa waħda biss f'kull ringiela.)*

| | *Qatt jew kważi qatt* | *Darba jew darbtejn f'sena* | *Darba jew darbtejn f'xahar* | *Darba jew darbtejn f'ġimgħa* | *Kuljum jew kważi kuljum* |
|---|---|---|---|---|---|
| Niddiskuti ma' ibni/binti kif qed iħossu sejjer/tħossha sejra l-iskola. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| Niekol l-ikla ewlenija ma' ibni/binti madwar il-mejda. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| Inqatta' ħin nitkellem ma' ibni/binti. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| Ngħin lil ibni/binti bix-xogħol għad-dar dwar ix-xjenza. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| Nistaqsi kif sejjer ibni/sejra binti fil-lezzjonijiet tax-xjenza. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| Nikseb materjal relatat max-xjenza (eż: *apps*, softwer, gwidi ta' studju eċċ.) għal ibni/binti. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| Niddiskuti ma' ibni/binti dwar kif tintuża x-xjenza fil-ħajja ta' kuljum. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| Niddiskuti ma' ibni/binti għażliet ta' karriera relatati max-xjenza. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |

## PA004 Meta taħseb dwar l-aħħar sena skolastika, sa fejn taqbel ma' dawn l-istqarrijiet li ġejjin?

*(Jekk jogħġbok immarka kaxxa waħda biss f'kull ringiela.)*

| | *Ma naqbel xejn* | *Ma naqbilx* | *Naqbel* | *Naqbel ħafna* |
|---|---|---|---|---|
| Jien jinteressani mill-attivitajiet skolastiċi ta' ibni/binti. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| Jien nappoġġja l-isforzi ta' ibni/binti u l-kisbiet li jagħmel/tagħmel fl-iskola. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| Jien nagħti appoġġ meta jsib/issib ruħu/ruħha f'diffikulatjiet fl-iskola. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| Ninkoraġġixxi lil ibni/binti biex tkun persuna kunfidenti. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| Naqbel mar-regoli u d-dixxiplina fl-iskola. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| Nipprova nipproteġi lil ibni/binti minn problemi familjari li jistgħu jkunu ta' xkiel għall-edukazzjoni. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| Inħeġġeġ lil ibni/binti biex jitgħallem/titgħallem ħiliet ġodda. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| Regolarment ninkoraġġixxi lil ibni/binti biex ilesti/tlesti x-xogħol tal-iskola. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| Inħeġġeġ lil ibni/binti biex jidħol/tidħol aktar fil-fond ta' dak li jitgħallem/titgħallem. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |

**TAQSIMA B: L-ISKOLA TA' IBNEK/BINTEK**

*Jinteressawna l-għażliet li kellek tagħmel bħala ġenitur meta għażilt l-iskola li bħalissa qed jattendi/tattendi ibnek/bintek fiha.*

**PA005 Liema minn dawn l-istqarrijiet tiddeskrivi l-aħjar is-servizzi skolatiċi mogħtija fl-akkwati tiegħek?**

*(Jekk jogħġbok immarka kaxxa waħda biss.)*

| | |
|---|---|
| Hawn żewġ skejjel oħra jew aktar li jikkompetu mal-iskola li ibni/binti qed jattendi/tattendi bħalissa. | ☐ |
| Hawn skola oħra f'din iz-zona li tikkompeti mal-iskola li jattendi/tattendi ibni/binti bħalissa. | ☐ |
| M'hawn l-ebda skola f'din iż-żona li tikkompeti mal-iskola li jattendi/tattendi ibni/binti fiha bħalissa. | ☐ |

**PA006 Kemm huma importanti r-raġunijiet t'hawn taħt biex tagħżel l-iskola għal ibnek/bintek?**

*(Jekk jogħġbok immarka kaxxa waħda biss minn kull ringiela)*

| | *Mhux importanti* | *Ftit importanti* | *Importanti* | *Importanti ħafna* |
|---|---|---|---|---|
| L-iskola hija qrib id-dar. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| L-iskola għandha reputazzjoni tajba. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| L-iskola toffri korsijiet u suġġetti partikolari. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| L-iskola tħaddan filosofija reliġjuża partikolari. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| Membri oħra tal-familja attendew l-istess skola. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| L-ispejjeż huma baxxi (eż: il-miżati u l-kotba). | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| L-iskola tgawdi minn ambjent attiv u pjaċevoli. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| Ir-riżulati akkademiċi tal-istudenti fl-iskola huma tajbin. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| L-ambjent tal-iskola hu san u sigur. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |

*Jinteressana dak li taħseb dwar l-iskola ta' ibnek/bintek.*

**PA007 Kemm taqbel jew ma taqbilx ma' dawn li ġejjin?**

*(Jekk jogħġbok immarka kaxxa waħda biss f'kull ringiela.)*

| | *Naqbel ħafna* | *Naqbel* | *Ma naqbilx* | *Assoluta ment ma naqbilx* |
|---|---|---|---|---|
| Il-maġġoranza tal-għalliema fl-iskola ta' ibni/binti jidhru kompetenti u dedikati. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| Ir-riżulati miksuba fl-iskola ta' ibni/binti huma tajbin. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| Kuntent bil-kontenut li jiġi mgħallem u l-metodi wżati fl-iskola ta' ibni/binti. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| Sodisfatt bl-atmosfera dixxiplinarja fl-iskola ta' ibni/binti. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| Il-progress ta' ibni/binti hu monitorat bir-reqqa mill-iskola. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| L-iskola ta' ibni/binti tipprovdi tagħrif utli u regolari tal-progress ta' ibni/binti. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| L-iskola ta' ibni/binti qed tagħmel biċċa xogħol tajba biex teduka lill-istudenti. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| L-iskola ta' ibni/binti tistedinni b'mod regolari biex nieħu sehem fl-attivitajiet differenti. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| L-iskola ta' ibni/binti tipprovdi atmosfera akkoljenti biex il-ġenituri jkunu involuti. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| L-iskola ta' ibni/binti tirrispondi għall-mistoqsijiet, suġġerimenti u tħassib tiegħi. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| Hemm komunikazzjoni effettiva bejn l-iskola ta' ibni/binti u l-familji. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| L-iskola ta' ibni/binti tinvolvi lill-ġenituri fid-deċiżjonijiet li | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |

jittieħdu.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| L-iskola ta’ ibni/binti tipprovdi tagħlim għall-ġenituri (eż: korsijiet ta’ taħriġ għall-familji dwar il-litteriżmu) jew programmi ta’ appoġġ għall-familja (eż: programmi dwar is-saħħa, in-nutrizzjoni). | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| L-iskola ta’ ibni/binti tgħarraf lill-familji dwar kif jgħinu lill-istudenti fix-xogħol għad-dar u f’attivitajiet irrelatati mal-iskola. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| L-iskola ta’ ibni/binti tikkopera mas-servizzi komunitarji biex issaħħaħ il-programmi skolastiċi u l-iżvilupp tal-istudent. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |

**PA008** **Matul l-aħħar sena skolastika, ħadt sehem f'xi waħda mill-attivitajiet relatati mal-iskola, minn dawn li ġejjin?**

*(Jekk jogħġbok immarka kaxxa waħda biss f'kull ringiela.)*

| | *Iva* | *Le* | *Ma ssirx l-iskola* |
|---|---|---|---|
| Ħadt inizjattiva biex iddiskutejt ma' għalliem l-imġiba ta' ibni/binti. | ☐ | ☐ | ☐ |
| Iddiskutejt l-imġiba ta' ibni/binti fuq inizjattiva ta' għalliem tiegħu/tagħha. | ☐ | ☐ | ☐ |
| Iddiskutejt mal-għalliem/a l-progress ta' ibni/binti fuq inizjattiva tiegħi stess. | ☐ | ☐ | ☐ |
| Iddiskutejt il-progress ta' ibni/binti fuq inizjattiva ta' wieħed/waħda mill-għalliema tiegħu/tagħha. | ☐ | ☐ | ☐ |
| Ħadt sehem fit-tmexxija tal-iskola, eż: fil-kunsill tal-iskola. | ☐ | ☐ | ☐ |
| Kont voluntier f'attività extra-kurrikulari jew attività fiżika (eż: tiswija tal-bini, xogħol ta' mastrudaxxa, ta' ġardinar jew xogħol fil-btieħi, kunċert tal-iskola, sports, ivvjaġġar). | ☐ | ☐ | ☐ |
| Kont voluntier biex ngħin f'attivitajiet skolastiċi (għint fil-librerija, fiċ-ċentru tal-mezzi tal-komunikazzjoni, fil-kantin, għint xi għalliem jew tkellimt f'isem l-iskola). | ☐ | ☐ | ☐ |
| Attendejt xi laqgħat skedati jew konferenzi għall-ġenituri. | ☐ | ☐ | ☐ |
| Tkellimt mal-għalliema dwar kif ngħin biex it-tagħlim ta' ibni/binti jkompli d-dar. | ☐ | ☐ | ☐ |
| Qsamt ideat mal-għalliema dwar kif nieħu ħsieb ibni/binti, dwar l-appoġġ għall-familja jew dwar l-iżvilupp tat-tifel/tifla. | ☐ | ☐ | ☐ |

**PA009** **Matul l-aħħar sena skolastika, qatt kien hemm problemi kkawżati minn dawn il-kwistjonijiet t'hawn taħt u li setgħu waqqfu s-sehem tiegħek f'attivitajiet tal-iskola t'ibnek/bintek?**

*(Jekk jogħġbok immarka kaxxa waħda biss f'kull ringiela.)*

| | *Iva* | *Le* |
|---|---|---|
| Il-ħinijiet tal-laqgħat kienu inkonvenjenti | ☐ | ☐ |
| Ma stajtx nitlaq mix-xogħol. | ☐ | ☐ |
| Ma kelli lil ħadd biex jieħu ħsieb lit-tifel/tifla/tfal tiegħi. | ☐ | ☐ |
| It-triq lejn l-iskola mhix sigura. | ☐ | ☐ |
| Ma kellix mezz ta' trasport. | ☐ | ☐ |
| Ma ħassejtnix milqugħ/a l-iskola ta' ibni/binti. | ☐ | ☐ |
| Inħossni stramb/a fi skola. | ☐ | ☐ |
| Il-ħila biex nitkellem mhix tajba biżżejjed. | ☐ | ☐ |
| Naħseb li s-sehem tiegħi mhux relevanti għall-iżvilupp ta' ibni/binti. | ☐ | ☐ |
| Ma nafx kif nista' nieħu sehem fl-attivitajiet skolastiċi. | ☐ | ☐ |
| It-tifel/tifla tiegħi ma jridnix/tridnix nieħu sehem. | ☐ | ☐ |

**PA010 Kemm huma importanti r-raġunijiet t'hawn taħt biex tinvolvi ruħek fl-iskola ta' ibnek/bintek?**

*(Jekk jogħġbok immarka kaxxa waħda biss f'kull ringiela.)*

| | *Mhux importanti* | *Importanti ftit* | *Importanti* | *Importanti ħafna* |
|---|---|---|---|---|
| It-tifel/tifla tiegħi jġib/iġġib riżulati akkademiċi aħjar meta ninvolvi ruħi. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| Is-sehem tiegħi jgħin lit-tifel/tifla biex jintegra/tintegra fl-iskola. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| Permezz tal-koperazzjoni mal-għalliema, insir naf aħjar lill-għalliema ta' ibni/binti. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| Jekk ninvolvi ruħi fl-iskola nitgħallem aktar dwar l-iskola ta' ibni/binti. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| Jekk ninvolvi ruħi fl-iskola ta' ibni/binti niltaqa' mal-ġenituri l-oħra. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| Bil-koperazzjoni mal-għalliema ta' ibni/binti, insir naf aktar lil ibni/binti. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| Bl-involviment tiegħi fl-iskola ta' ibni/binti nsir naf aktar lill-ħbieb ta' ibni/binti. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |

**PA011 Tinteressana l-interazzjoni tal-ġenituri mal-ħbieb tal-iskola ta' ibnek/bintek u mal-istaff tal-iskola.**

*(Jekk jogħġbok immarka kaxxa waħda biss f'kull ringiela.)*

| | *0* | *1-2* | *3-5* | *6 jew aktar* |
|---|---|---|---|---|
| Kemm taf ġenituri tal-ħbieb tal-iskola ta' ibnek/bintek? | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| Kemm mill-ħbieb tal-iskola ta' ibnek/bintek taf b'isimhom? | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| Ma' kemm mill-istaff tal-iskola tħossok komdu/komda titkellem dwar it-tifel/tifla tiegħek? | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |

## PA012 Kemm tqis li huma importanti dawn is-suġġetti fil-komunikazzjoni bejn il-ġenituri u l-għalliema?

*(Jekk jogħġbok immarka kaxxa waħda biss f'kull ringiela.)*

| | *Mhux importanti* | *Ftit importanti* | *Importanti* | *Importanti ħafna* |
|---|---|---|---|---|
| Mistoqsijiet relatati mar-riżultati akkademiċi tat-tfal. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| Mistoqsijiet relatati mal-għażla tal-iskola. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| Mistoqsijiet relatati ma' bidla fl-iskola jew trasferiment tat-tfal fi skola oħra. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| Tħassib relatat ma' problemi fl-imġiba tat-tfal. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| Tħassib relatat ma' diffikultajiet fit-tagħlim tat-tfal. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| Tagħrif dwar modi kif tgħin lit-tfal fix-xogħol għad-dar. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| Tagħrif relatat mat-tħeġġiġ individwali tat-tfal. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| Tħassib speċifiku relatat ma' ġenituri barranin. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| Tħassib relatat ma' vizzji fit-tfal eż: l-alkoħol, it-tipjip, il-*video games*. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |

**PA013 Kemm hu importanti l-mod kif tikkomunika mal-iskola ta' ibnek/bintek?**

*(Jekk jogħġbok immarka kaxxa waħda biss f'kull ringiela.)*

| | *Mhux importanti* | *Ftit importanti* | *Importanti* | *Importanti ħafna* | *Ma ssirx fl-iskola* |
|---|---|---|---|---|---|
| Komunikazzjoni permezz ta' noti u ittri | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| Laqgħa skedata waqt konferenza jew konsultazzjoni bejn l-għalliema u l-ġenituri. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| Telefonati | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| Komunikazzjoni permezz tal-internet jew sms (e-mail, websajt, messaġġi, eċċ.) | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| Laqgħat informali mhux skedati | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |

## SEZZJONI Ċ: IL-PROĊESS EDUKATTIV FIL-BIDU TAT-TFULIJA

**PA014 Kemm kellu/kellha <u>żmien</u> ibnek/bintek meta beda jattendi/bdiet tattendi l-iskola primarja?**

Età: ______________

**PA015** **F’liema <u>sena kalendarja</u> ibnek/bintek beda/bdiet l-iskola primarja?**

Sena: **20**__________

**PA016** **Meta mqabbel mal-eta' obbligatorja meta t-tfal suppost jibdew l-iskola, meta beda/bdiet l-iskola primarja ibnek/bintek?**

*(F'Malta t-tfal jibdew l-ewwel sena tal-iskola obbligatorja meta jkollhom 5 snin.)*

*(Immarka kaxxa waħda biss.)*

Fis-sena stipulata ☐

Qabel is-sena stipulata ☐

Aktar tard mis-sena stipulata ☐

**PA017** **L-attendenza għal programm ta' edukazzjoni u kura minn età bikrija qabel l-Ewwel Sena fl-iskola primarja kienet obbligatorja għal ibnek/bintek?**

*(Jekk jogħġbok immarka kaxxa waħda biss f'kull ringiela.)*

| | *Le* | *Iva, attendenza obbligatorja sa żmien sena.* | *Iva, attendenza obbligatorja għal aktar minn sena.* |
|---|---|---|---|
| Ħarsien u kura (eż: nursery, ċentru taċ-*childcare*) | ☐ | ☐ | ☐ |
| Edukazzjoni qabel il-primarja (eż: ċentru tal-Kindergarten) | ☐ | ☐ | ☐ |

**PA018 It-tifel/tifla tiegħek attenda/attendiet regolarment għal tagħlim ta' qabel l-Ewwel Sena fl-iskola primarja f'xi wieħed minn dawn iċ-ċentri?**

*(Jekk jogħġbok immarka kaxxa waħda biss f'kull ringiela.)*

| | *Iva* | *Le* | |
|---|---|---|---|
| Ħarsien u kura (eż: nursery, ċentru taċ-*childcare*) | ☐ | ☐ | *Jekk iva, wieġeb mistoqsijiet 19 - 22* |
| Edukazzjoni qabel il-primarja (eż: ċentru tal-Kindergarten) | ☐ | ☐ | *Jekk iva, wieġeb mistoqsijiet 27 - 30* |

*Fil-każ li t-tifel/tifla tiegħek m'attendix / m'attenditx programm ta' edukazzjoni u kura minn età bikrija qabel l-Ewwel Sena fl-iskola primarja, mur għall-mistoqsija 31.*

**PA019 Ta' kemm żmien ibnek/bintek kien jattendi/kienet tattendi f'arranġament ta' superviżjoni u kura qabel l-Ewwel Sena fl-iskola primarja?**

*(Jekk jogħġbok immarka kull fejn japplika.)*

| | |
|---|---|
| Qabel sena | ☐ |
| Ta' sena | ☐ |
| Ta' sentejn | ☐ |
| Ta' tliet snin | ☐ |
| Ta' erba' snin | ☐ |
| Ta' ħames snin | ☐ |
| Ta' sitt snin | ☐ |

**PA020 Min ħa ħsieb jew eduka lit-tifel/tifla tiegħek fl-arranġament ta' superviżjoni u kura?**

*(Jekk jogħġbok immarka kull fejn japplika.)*

- Ħut it-tifel/tifla (taħt l-età) ☐
- Adult li jiġi mit-tifel/tifla (eż: in-nanniet) ☐
- Adult li mhux imħarreġ fil-kura tat-tfal u li ma jiġix mit-tifel/tifla (eż: baby-sitter, ħabib/a, ġar/a) ☐
- Adult imħarreġ (eż: *childcarer, nurse*) ☐

**PA021** **Fejn kien qed jiġi kkurat/tiġi kkurata jew edukat/edukata ibnek/bintek fl-arranġament ta’ superviżjoni u kura?**

*(Jekk jogħġbok immarka kull fejn japplika.)*

- [ ] Fid-dar tat-tifel/tifla
- [ ] Ġo dar privata ta’ xi ħadd ieħor
- [ ] Ġo istituzzjoni (eż: ċentru taċ-*childcare*)
- [ ] Post ieħor

**PA022 X'kienet ir-raġuni l-aktar importanti għaliex it-tifel/tifla tiegħek attenda/attendiet arranġament ta' superviżjoni u kura?**

*(Jekk jogħġbok immarka kaxxa waħda biss.)*

- L-attendenza kienet obbligatorja. ☐
- Aħna/Jien ma stajtx nieħu ħsieb it-tifel/tifla (eż: xogħol, mard). ☐
- Aħna/Jien ridna/ridt tagħlim stimulanti addizzjonali għat-tifel/tifla (eż: socjali, akkademiku). ☐
- Il-maġġoranza tat-tfal l-oħra kienu qed jattendu arranġament ta' superviżjoni u kura. ☐

**PA027** **Ta' kemm żmien it-tifel/tifla tiegħek beda/bdiet jattendi/tattendi arranġament edukattiv ta' qabel l-Ewwel Sena tal-iskola primarja?**

*(Jekk jogħġbok immarka kull fejn japplika)*

- Qabel sena ☐
- Ta' sena ☐
- Ta' sentejn ☐
- Ta' tliet snin ☐
- Ta' erba' snin ☐
- Ta' ħames snin ☐
- Ta' sitt snin ☐

*Jekk jogħġbok issa qis l-aħħar arranġament edukattiv ta' qabel il-primarja li attenda/attendiet t-tifel/tifla tiegħek qabel l-Ewwel Sena fl-iskola primarja.*

**PA028 Min kien qed joffri dan l-arranġament edukattiv ta' qabel il-primarja?**

*(Jekk jogħġbok immarka kaxxa waħda biss.)*

| | |
|---|---|
| Tmexxija pubblika u ffinanzjata minn fondi pubbliċi (eż: ċentru tal-Kindergarten fi skola tal-istat). | ☐ |
| Tmexxija privata u ffinanzjata minn fondi pubbliċi (eż: ċentru tal-Kindergarten fi skola tal-Knisja). | ☐ |
| Tmexxija privata u ffinanzjata minn fondi privati (eż: ċentru tal-Kindergarten privat). | ☐ |

**PA029** **Kemm sigħat ta’ tagħlim fil-ġimgħa kien jattendi/tattendi ibnek/bintek f’arranġament edukattiv ta’ qabel il-primarja meta kellu/kellha tliet snin?**

*(Jekk jogħġbok immarka kaxxa waħda biss.)*

Xejn ☐

Sa 10 sigħat fil-ġimgħa ☐

Bejn 11 u 20 siegħa fil-ġimgħa ☐

Bejn 21 u 30 siegħa fil-ġimgħa ☐

Bejn 31 u 40 siegħa fil-ġimgħa ☐

Bejn 41 u 50 siegħa fil-ġimgħa ☐

51 siegħa fil-ġimgħa jew aktar ☐

**PA030** **X'kienet ir-raġuni ewlenija għaliex it-tifel/tifla tiegħek attenda/attendiet arranġament edukattiv ta' qabel il-primarja?**

*(Jekk jogħġbok immarka kaxxa waħda biss.)*

- L-attendenza kienet obbligatorja. ☐
- Aħna/Jien ma stajniex/stajtx nieħdu/nieħu ħsieb it-tifel/tifla (eż: xogħol, mard). ☐
- Aħna/Jien ridna/ridt tagħlim stimulanti addizzjonali għat-tifel/tifla (eż: soċjali, akkademiku). ☐
- Il-maġġoranza tat-tfal l-oħra attendew arranġament edukattiv qabel il-primarja. ☐

**PA031** **X'kienet ir-raġuni ewlenija għaliex it-tifel/tifla tiegħek m'attendiex/m'attenditx għall-edukazzjoni u kura minn età bikrija?**

*(Jekk jogħġbok immarka kaxxa waħda biss.)*

| | |
|---|---|
| Il-maġġoranza tat-tfal ta' fejn noqogħdu ma kinux jattendu għall-edukazzjoni u kura minn età bikrija. | ☐ |
| L-edukazzjoni u kura minn età bikrija ma kinitx ipprovduta (i.e. ma kinitx teżisti). | ☐ |
| L-edukazzjoni u kura minn età bikrija ma kinitx ipprovduta lit-tifel/tifla tagħna (i.e. ma kienx hemm post). | ☐ |
| L-edukazzjoni u kura minn età bikrija ma kinitx meħtieġa. | ☐ |
| Qatt ma ħsibna fuq l-edukazzjoni u kura minn età bikrija għat-tifel/tifla tagħna. | ☐ |
| L-edukazzjoni u kura minn età bikrija kienet tiswa wisq. | ☐ |
| L-edukazzjoni u kura minn età bikrija ma kinitx ipprovduta fil-ħin li xtaqna aħna. | ☐ |
| L-edukazzjoni u kura minn età bikrija setgħet ma kinitx tipprovdi sigurtà għas-saħħa tat-tifel/tifla. | ☐ |
| L-edukazzjoni u kura minn età bikrija setgħet ma kinitx tajba għall-iżvilupp tat-tifel/tifla. | ☐ |
| Qatt ma qbilna mal-programm edukattiv jew mal-modi ta' tagħlim ipprovduti. | ☐ |
| Oħrajn | ☐ |

## SEZZJONI D: KIF TAĦSIBHA DWAR IX-XJENZA U L-AMBJENT

*Il-mistoqsijiet li ġejjin jirreferu għal karrieri relatati max-xjenza. Karriera relatata max-xjenza titlob li jkun hemm studju tax-xjenza f'livell terzjarju (eż: l-Università). Għalhekk, karrieri bħal dawk ta' inġinier (tinvolvi l-fiżika), bassar tat-temp (tinvolvi x-xjenza tad-dinja), speċjalista tal-għajnejn (tinvolvi l-bijoloġija u l-fiżika) u tabib (tinvolvi x-xjenzi tal-mediċina) kollha huma eżempji ta' karrieri relatati max-xjenza.*

**PA032 Jekk jogħġbok wieġeb il-mistoqsijiet li ġejjin.**

*(Jekk jogħġbok immarka kaxxa waħda biss f'kull ringiela.)*

| | *Iva* | *Le* |
|---|---|---|
| Hemm xi ħadd fil-familja (inkluż int) li jaħdem f'karriera relatata max-xjenza? | ☐ | ☐ |
| It-tifel/tifla tiegħek juri/turi interess li jaħdem f'karriera relatata max-xjenza? | ☐ | ☐ |
| Tistenna li t-tifel/tifla tiegħek jieħu/tieħu karriera relatata max-xjenza? | ☐ | ☐ |
| It-tifel/tifla wera/uriet xi interess li jkompli jistudja / tkompli tistudja x-xjenza wara l-iskola sekondarja? | ☐ | ☐ |
| Tistenna li t-tifel/tifla jkompli jistudja/tkompli tistudja x-xjenza wara l-iskola sekondarja? | ☐ | ☐ |

*Ix-xjenza hija parti importanti fl-istudju PISA. Tinteressana l-opinjoni tal-ġenituri dwar ix-xjenza u kwistjonijiet ambjentali. Il-mistoqsija li ġejja titlob l-opinjoni tiegħek dwar ix-xjenza.*

## PA033 Kemm taqbel mal-istqarrijiet li ġejjin?

*(Jekk jogħġbok immarka kaxxa waħda biss f'kull ringiela.)*

| | *Naqbel ħafna* | *Naqbel* | *Ma naqbilx* | *Ma naqbel xejn* |
|---|---|---|---|---|
| L-iżviluppi fix-xjenza u fit-teknoloġija s-soltu jtejbu l-kwalità tal-ħajja tan-nies. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| Ix-xjenza hi importanti biex tgħinna nifhmu d-dinja naturali. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| Ċerti kunċetti fix-xjenza jgħinuni nifhem kif nirrelata ma' nies oħra. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| L-iżviluppi fix-xjenza u t-teknoloġija ġeneralment jgħinu fl-izvilupp tal-ekonomija. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| Fil-ħajja ta' kuljum hemm ħafna opportunitajiet li fihom nuża x-xjenza. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| Ix-xjenza hija prezzjuża għas-soċjetà. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| Ix-xjenza hi relevanti għalija. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| Ix-xjenza tgħinni nifhem l-affarijiet ta' madwari. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| L-iżviluppi fix-xjenza u t-teknoloġija ġeneralment iġibu benefiċċji soċjali. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |

*Jinteressana dak li taħseb dwar il-bżonn ta' ħiliet xjentifiċi fis-suq tax-xogħol illum.*

**PA034 Kemm taqbel mal-istqarrijiet li ġejjin?**

*(Jekk jogħġbok immarka kaxxa waħda biss f'kull ringiela.)*

| | *Naqbel ħafna* | *Naqbel* | *Ma naqbilx* | *Ma naqbel xejn* |
|---|---|---|---|---|
| Huwa importanti li jkollok għarfien u ħiliet tajbin fix-xjenza biex tikseb impjieg tajjeb fid-dinja tal-lum. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| Min iħaddem ġeneralment japprezza li l-impjegati tiegħu jkollhom għarfien u ħiliet sodi fix-xjenza. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| Ħafna mill-impjiegi llum jitolbu għarfien u ħiliet fix-xjenza. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| Fis-suq tax-xogħol huwa ta' vantaġġ li jkollok għarfien u ħiliet fix-xjenza. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |

**PA035** **Tqis li l-kwistjonijiet ambjentali msemmija hawn isfel huma ta' tħassib serju għalik u għal ta' madwarek?**

*(Jekk jogħġbok immarka kaxxa waħda biss f'kull ringiela.)*

| | *Dan hu tħassib serju għalija kif ukoll għal oħrajn.* | *Dan huwa ta' tħassib serju għal persuni oħra f'artna imma mhux għalija personali.* | *Dan huwa ta' tħassib serju għal popli f'pajjiżi oħra biss.* | *Dan mhu ta' tħassib serju għal ħadd.* |
|---|---|---|---|---|
| Tniġġiż fl-arja. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| Nuqqas ta' enerġija. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| Estinzjoni ta' ċerti pjanti u annimali. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| Tneħħija ta' foresti biex l-art tintuża għal bżonnijiet oħra. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| Nuqqas ta' ilma. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| Skart nukleari. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| Kundizzjonijiet estremi tat-temp. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| Il-kuntatt tal-bniedem ma' mard fl-annimali. | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |

**PA036** **Taħseb li l-problemi assoċjati ma' dawn il-kwistjonijiet ambjentali se jitjiebu jew imorru għall-agħar fl-20 sena li ġejjin?**

*(Jekk jogħġbok immarka kaxxa waħda biss f'kull ringiela.)*

| | *Jitjiebu* | *Jibqgħu l-istess* | *Jeħżienu* |
|---|---|---|---|
| Tniġġiż fl-arja. | ☐ | ☐ | ☐ |
| Nuqqas ta' enerġija. | ☐ | ☐ | ☐ |
| Estinzjoni ta' pjanti u annimali. | ☐ | ☐ | ☐ |
| Tneħħija ta' foresti biex l-art tintuża għal bżonnijiet oħra. | ☐ | ☐ | ☐ |
| Nuqqas ta' ilma. | ☐ | ☐ | ☐ |
| Skart nukleari. | ☐ | ☐ | ☐ |
| Kundizzjonijiet estremi tat-temp. | ☐ | ☐ | ☐ |
| Il-kuntatt tal-bniedem ma' mard fl-annimali. | ☐ | ☐ | ☐ |

**TAQSIMA E: L-ISFOND TIEGĦEK**

**PA037** **Missier it-tifel/tifla għandu xi waħda mill-kwalifiki li ġejjin hawn taħt?**

*(Jekk jogħġbok immarka kaxxa waħda f'kull ringiela.)*

| | *Iva* | *Le* |
|---|---|---|
| Dottorat | ☐ | ☐ |
| Master | ☐ | ☐ |
| Degree undergraduate tal-università jew ċertifikat / diploma undergraduate | ☐ | ☐ |
| Degree jew Diploma Nazzjonali Ogħla fit-Taħriġ u Edukazzjoni Vokazzjonali (VET) jew kwalifika komparabbli. | ☐ | ☐ |
| Ċertifikat tal-MATSEC jew Diploma Nazzjonali fit-Taħriġ u Edukazzjoni Vokazzjonali (VET) jew kwalifika komparabbli. | ☐ | ☐ |
| 5 eżamijiet tas-SEC fi Grad minn 1 sa 7. | ☐ | ☐ |
| Diploma f'Livell 3 fit-Taħriġ u Edukazzjoni Vokazzjonali (VET) jew kwalifika komparabbli. | ☐ | ☐ |

**PA038** **Omm it-tifel/tifla għandha xi waħda mill-kwalifiki li ġejjin hawn taħt?**

*(Jekk jogħġbok immarka kaxxa waħda f'kull ringiela.)*

| | *Iva* | *Le* |
|---|---|---|
| Dottorat | ☐ | ☐ |
| Master | ☐ | ☐ |
| Degree undergraduate tal-università jew ċertifikat / diploma undergraduate | ☐ | ☐ |
| Degree jew Diploma Nazzjonali Ogħla fit-Taħriġ u Edukazzjoni Vokazzjonali (VET) jew kwalifika komparabbli. | ☐ | ☐ |
| Ċertifikat tal-MATSEC jew Diploma Nazzjonali fit-Taħriġ u Edukazzjoni Vokazzjonali (VET) jew kwalifika komparabbli. | ☐ | ☐ |
| 5 eżamijiet tas-SEC fi Grad minn 1 sa 7. | ☐ | ☐ |
| Diploma f'Livell 3 fit-Taħriġ u Edukazzjoni Vokazzjonali (VET) jew kwalifika komparabbli. | ☐ | ☐ |

**PA039 F’liema pajjiż twieldu l-qraba tat-tifel/tifla li ġejjin hawn taħt?**

*(Jekk jogħġbok immarka tweġiba waħda għal kull kolonna.)*

| | *Omm* | *Missier* | *In-Nanna Materna* | *In-Nannu Matern* | *In-Nanna Paterna* | *In-Nannu Patern* |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Malta | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| Pajjiż fi ħdan l-Unjoni Ewropea | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| Pajjiż Ewropew li mhuwiex membru tal-Unjoni Ewropea | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| Pajjiż fl-Afrika ta’ Fuq (Magreb) | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| Pajjiż Afrikan tas-Sotto Saħara | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |
| Pajjiż ieħor | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |

**PA040** **Ta’ liema pajjiż huma ċittadini legali l-missier u l-omm tat-tifel/tifla? Jekk għandhom ċittadinanza doppja, tista’ timmarka aktar minn pajjiż wieħed.**

*(Jekk jogħġbok immarka kemm-il darba japplika għalik.)*

| | *Omm* | *Missier* |
|---|---|---|
| Malta | ☐ | ☐ |
| Pajjiż fi ħdan l-Unjoni Ewropea | ☐ | ☐ |
| Pajjiż Ewropew li mhuwiex membru tal-Unjoni Ewropea | ☐ | ☐ |
| Pajjiż fl-Afrika ta’ Fuq (Magreb) | ☐ | ☐ |
| Pajjiż Afrikan tas-Sotto Saħara | ☐ | ☐ |
| Pajjiż ieħor | ☐ | ☐ |

*Jekk jogħġbok wieġeb il-mistoqsija li ġejja billi tikkalkula biss l-ispejjeż relatati mal-*istudent/a *li ġab/ġabet* dan il-kwestjonarju d-dar.

**PA041 Fl-aħħar tnax-il xahar, kemm taħseb li ħallast għal servizzi lil dawk li jipprovdu servizzi edukattivi?**

*Meta tqis dan kollu, jekk jogħġbok inkludi xi miżati ta' tagħlim li inti ħallast għall-iskola ta'* ibnek/bintek *, xi miżati oħra li inti ħallast lil xi għalliema individwali fl-iskejjel jew lil xi għalliema oħra għal xi tagħlim ieħor li jirċievi/tirċievi* ibnek/bintek *, kif ukoll xi miżati li ħallast għal xi lezzjonijiet tal-privat.*

***Tinkludix** l-ispejjeż għal oġġetti bħal tagħmir għall-isports, uniformijiet tal-iskola, kompjuters jew kotba tal-iskola jekk dawn mhumiex inklużi fil-miżata ġenerali (jiġifieri, jekk ikollok tixtri dawn l-oġġetti separatament).*

*(Jekk jogħġbok immarka kaxxa waħda biss.)*

| | |
|---|---|
| Xejn. | ☐ |
| Iktar minn €0 imma inqas minn €100. | ☐ |
| €100 jew aktar, imma inqas minn €700. | ☐ |
| €700 jew aktar, imma inqas minn €1,300. | ☐ |
| €1,300 jew aktar, imma inqas minn €1,900. | ☐ |
| €1,900 jew aktar, imma inqas minn €2,500. | ☐ |
| €2,500 jew aktar. | ☐ |

## PA042 X'inhu d-dħul totali fis-sena tal-familja tiegħek?

*Jekk jogħġbok għodd flimkien id-dħul totali, qabel it-taxxa, tal-membri kollha tal-familja tiegħek .*

*Jekk jogħġbok ftakar li aħna nitolbuk twieġeb il-mistoqsijiet biss jekk tħossok komdu/komda tagħmel dan, u li t-tweġibiet kollha se jinżammu b'mod* ***kunfidenzjali għall-aħħar.***

*(Jekk jogħġbok immarka kaxxa waħda biss.)*

- Inqas minn €8,100. ☐
- €8,100 jew aktar, imma inqas minn €10,500. ☐
- €10,500 jew aktar, imma inqas minn €13,400. ☐
- €13,400 jew aktar, imma inqas minn €16,800. ☐
- €16,800 jew aktar, imma inqas minn €20,100. ☐
- €20,100 jew aktar, imma inqas minn €24,000. ☐
- €24,000 jew aktar, imma inqas minn €28,800. ☐
- €28,800 jew aktar, imma inqas minn €33,900. ☐
- €33,900 jew aktar, imma inqas minn €42,700. ☐
- €42,700 jew aktar. ☐

*Grazzi ħafna għall-koperazzjoni tiegħek biex imlejt dan il-kwestjonarju.*